

## V

(Avviżi)

**PROCÉDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI  
KOMUNI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika tal-iskadenza imminent ta' ċerti miżuri antidumping**

(2015/C 212/06)

1. Kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (¹), il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jiġix imniedi rieżami skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri antidumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

**2. Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri konċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni jingħataw l-opportunità li jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

**3. Limitu ta' żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak li ssemmha hawn fuq, li għandha tasal għand il-European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Belgium (²) fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xħur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza (¹)
Karbur tat-tungstenu, karbur tat-tungstenu sempliċement imħallat ma' trab metalliku u karbur tat-tungs-tenu mdewweb	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Dazju antidumping	Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 287/2011 li jim-poni dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' karbur tat-tangstin, karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma' trab metalliku u karbur tat-tangstin imdewweb li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 78, 24.3.2011, p. 1)	25.3.2016

(¹) Il-miżura tiskadi fnofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

(²) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

(²) Faks: +32 22956505.